MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2013

Avviz Numru. 116/2013

**Strand Palace Agencies Limited**
**(C 3838)**

**vs**

**Calfam Services Limited**
**(C 11554)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar 1-24 ta’ April 2013 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta’ sitt t’elef, hames mija u tnejn u sebghin Euro u sebgha u tletin centezmu (€6,572.37) rapprezentanti bejgh ta’ merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez u bl-imghax mit-23 ta' Novembru 2011 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li rappresentant taghha huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lis-socjeta intimata fit-2 ta' Mejju 2013 skond skond ir-riferta posittiva tal-Marixxal Marco Bonnici datati 10 ta' Mejju 2013.

Illi fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2013 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta.

Rat illi fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2013 rappresentant tas-socjeta konvenuta gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt t'elef, hames mija u tnejn u sebghin Euro u sebgha u tletin centezmu (€6,572.37) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------